# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## Taqsima A **(18-il marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għid għaliex inxebbhu r-Reliġjon ma'
   a. pedament (2 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   b. mappa jew boxxla (2 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ċ. *fuel* għall-*jet* (2 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

2. Semmi żewġ reliġjonijiet li mhumiex Insara. (2 marki)

   ________________________ ________________________

3. Għid għaliex aħna bħala nsara m'għandniex nemmnu fl-oroskopju? (4 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

4. F'liema ktieb ta' l-Antik Testment insibu l-ġrajja tal-ħruġ tal-Poplu t'Alla mill-Eġittu? (marka)

   ______________________________________________________________________

5. X'ta Alla lil Mosè fuq it-twavel tal-ġebel? (marka)

   ______________________________________________________________________

6. X'nitgħallmu dwar Alla mill-ġrajja tal-ħruġ tal-Poplu t'Alla mill-Eġittu? (4 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

## Taqsima B **(8 marki)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Ġesù ried iwaqqaf il-Knisja Kattolika. X'irridu nfissru b'dan? (2 marki)

2. Nhar l-Għid il-Ħamsin il-Knisja rċeviet rigal speċjali. Għid liema hu dan ir-rigal u kif jaħdem fil-Knisja? (4 marki)

3. Għid għaliex insejħu l-Knisja 'Appostolika'? (2 marki)

## Taqsima Ċ **(24 marka)**

**Aqra din is-silta mid-diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II liż-żgħażagħ Maltin.**

Li f'ħajjitkom tagħtu l-ewwel post lil Kristu ma jitlobx biss konverżjoni tal-qalb: jitlob ukoll konverżjoni kontinwa tal-moħħ. Bħala dixxipli, intom imsejħa biex tqisu kollox fid-dawl ta' Kristu. F'kull waqt ta' ħajjitkom, f'kull deċiżjoni li tieħdu, tridu tistaqsu lilkom infuskom: "Il-mod kif naħseb u kif inġib ruħi jaqbel mal-ħsieb ta' Kristu?" Huwa importanti li dan iżżommuh f'moħħkom meta tiġu biex tiddiskutu ideat u valuri li huma komuni ħafna fis-soċjetà ta' żmienna, iżda li jistgħu jmorru kontra dik il-verità li teħles lill-bniedem kif tgħallimnieha minn Kristu. Għan-Nisrani veru, l-Evanġelju huwa l-kejl ta' kull deċiżjoni u ta' kull azzjoni.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar din is-silta.**

1. Għid għaliex il-Papa jpoġġi lil Ġesù bħala l-persuna l-iżjed importanti fil-ħajja tagħna l-Insara? (2 marki)

2. Ikteb dwar tliet deċiżjonijiet li inti tista' tieħu fil-ħajja ta' kuljum u uri kif dawn ikunu jaqblu mal-ħsieb ta' Kristu. (6 marki)

3. X'rigali nistgħu naqilgħu mingħand Ġesù jekk aħna nilqgħuh, nisimgħu kliemu u nimxu warajh? (4 marki)

4. Semmi u ikteb dwar tliet perikli li inti bħala żagħżugħ tħabbat wiċċek magħhom u li tassew itellfuk milli tħobb lil Ġesù? (6 marki)

5. Ġesù ma' jħallina qatt weħidna. Semmi tliet għajnuniet li Hu jagħtina biex ngħixu ħajja tajba. (6 marki)

## Taqsima D (20 marka)

**Fisser dawn is-sentenzi meħudin mill-Ktieb tal-Ġenesi, b'attenzjoni speċjali għall-kliem b'sing taħtu. Ikteb fuq karta separata.**

1. "U l-Mulej Alla sawwar mill-art l-annimali selvaġġi u t-tajr kollu ta' l-ajru, u ġiebhom quddiem il-bniedem biex jara x'isemmihom." (4 marki)
2. "U ħares Alla lejn kull ma kien għamel. U ara: kollox kien tajjeb ħafna." (5 marki)
3. "U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu. Fuq xbiehet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom." (5 marki)
4. "U l-Mulej Alla nibbet mill-art is-siġar kollha li jpaxxu l-għajn u bnina għall-ikel, u s-siġra tal-ħajja f'nofs il-ġnien u s-siġra tat-tagħrif it-tajjeb u l-ħażin." (6 marki)

## Taqsima E (30 marka)

**Agħżel WAĦDA mill-mistoqsijiet 1, 2 jew 3 u wieġeb fit-tul fuq karta separata.**

**1. Ġesù għandu żewġ naturi: dik ta' Alla u dik ta' bniedem.**

a. Ġesù huwa Alla. Uri dan b'żewġ eżempji minn ħajtu. (2 x 5 marki)

b. Kif nafu li Ġesù huwa tassew bniedem? Agħti żewġ eżempji mill-ħajja tiegħu. (2 x 5 marki)

ċ. Ikteb ittra ta' mhux inqas minn 10 linji lil ħabib/a tiegħek biex tinkoraġġih/a i/tħobb lil Ġesù. (10 marki)

**2. Bis-Sagrament tal-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar) Alla jaħfrilna dnubietna.**

a. Semmi żewġ persuni li biddlu ħajjithom u uri kif Ġesù kkonvertihom meta ltaqgħu miegħu. (2 x 5 marki)

b. Dak in-nhar li qam mill-mewt, Ġesù ta s-setgħa lill-Appostli biex jaħfru d-dnubiet. Irrakkonta din il-ġrajja. (10 marki)

ċ. Għid għaliex il-Qrar hemm bżonnu. Ikteb mhux inqas minn 5 linji. (10 marki)

**3. Fl-Aħħar Ċena Ġesù waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija (il-Quddiesa).**

a. Irrakkonta l-ġrajja ta' x'għamel Ġesù fl-Aħħar Ċena. (10 marki)

b. Fl-ewwel parti tal-Quddiesa, aħna nitkellmu m'Alla, u Alla jitkellem magħna. Għid kif isir dan billi tikteb dwar **tnejn** minn dawn l-erba' punti: 'Mulej Ħniena', il-Glorja, il-Qari, it-talb tal-fidili. (10 marki)

ċ. Fit-tieni parti tal-Quddiesa Ġesù jingħata għalina. Għid kif isir dan billi tikteb dwar **tnejn** minn dawn it-tliet punti: Il-Konsagrazzjoni, il-Paċi, it-Tqarbin. (10 marki)